MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 56

31 ta' Ottubru 2023

Minuti tas-seduta Nru. 56 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra l-Kunsillier E. Bartolo li kien qed isegwi b'mod virtwali. Is-Sindku D. Vella ppreseda s-seduta bejn il-5:30pm u t-8:30pm. Il-kumplament tas-seduta kienet immexxija mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, peress li s-Sindku talab li jiġi skużat minħabba impenn iehor. Il-Kunsillier G. Micallef talab jiġi skużat fis-7:30pm minħabba mpenn ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

### 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-minuta 5.5.2. **(K/6/2/Vol VI)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"5.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li qed jinħareġ kartun minn xi ħwienet fi kwantitajiet konsiderevoli, wara li jgħaddi l-iscammel. Dan qed jitħalla biswit Triq Sant' Elena u fil-kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima. Huwa appella sabiex issir sorveljanza permezz tas-sistema tas-CCTV li hemm installata fil-qrib.".*

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru. 55 tat-2 ta' Ottubru 2023, ġew approvati bl-emenda mressqa. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minuti - Mellieha (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Terrapien f'qatgħa fi Triq id-Denċi (P/5/2/Vol II)

2.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.17.1. tas-seduta ta' qabel u staqsiet dwar jekk sarx rapport mal-Awtorità tal-Ippjanar, peress li t-terrapien baqa jiżdied fis-sit indikat.

2.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb fl-affermattiv u qal li ser tintbagħat tfakkira.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Laqgħat mal-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet dwar jekk il-Pulizija tal-Komunità għandhomx jiġu mitluba jattendu s-seduti tal-Kunsill, sabiex jagħtu redikont tal-ħidma tagħhom minn żmien għal żmien. Hija kkummentat li l-kuntatt mal-Kunsill jidher li qed jonqos.

3.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-viżibilità tal-Pulizija tal-Komunità qed kulma jmur tonqos, u mhux faċli li r-residenti jikkomunikaw magħhom, lanqas billi jirrikorru fl-Għassa, għaliex din tkun magħluqa. Huwa aċċenna wkoll li ma jarax il-ħtieġa li jkun hemm kuntistabbli illi jakkumpanja il-gruppi li jattendu l-ħarġiet kulturali organizzati mill-Kunsill. Qal ukoll li jista' isir xogħol aktar ta' fejda, jekk il-preżenza tagħhom tkun f'postijiet fejn jinġabru t-tfal u ż-żgħażagħ qrib faċilitajiet sportivi, ġonna pubbliċi, jew fejn l-iskola.

3.1.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-preżenza tal-pulizija mal-gruppi tal-anzjani li jattendu għall-ħarġiet, hija opportunità biex dawn jinteraġġixxu u jaqsmu l-preokkupazzjonijiet li jkollhom.

3.1.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li għal-laqgħat qed ikunu mistiedna jattendu s-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier E. Bartolo, flimkien miegħu. Huwa qal ukoll da parti tiegħu iqajjem materji li jidħlu lmenti dwarhom mill-pubbliku, illi jkunu jirrikjedu attenzjoni partikulari. Huwa ppropona li għal-laqgħa li jmiss ser joħroġ stedina lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex min irid ikun jista' jipparteċipa billi jkun preżenti fl-uffiċċju tal-Kunsill, jew anke b'mod virtwali.

### 3.2.1. Talba mill-Grupp tal-Armar tal-Festa (S/6/Vol VI)

3.2.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa dwar jekk kinitx ingħatat għajnuna lill-Grupp tal-Armar tal-Festa sabiex tiġi faċilitata l-ħidma tagħhom.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li kienu ġew provduti tliet arbli fi Triq il-Kbira sabiex jintużaw kemm għall-armar tal-festa, kif ukoll għat-tiżjin tal-Milied li jsir mill-Kunsill fi Triq il-Kbira.

### 3.3.1. Installazzjoni ta' CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier (C/9)

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux statistika fuq kontravvenzjonijiet reġistrati mil-LESA mill-ikkummissjonar tas-sistema msemmija.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttv C. Debono wieġeb li huwa talab rendikont lil LESA għax-xahar ta Ottubru 2023, iżda dawn wieġbu li s-sistema hija kajmana u diffiċli li ssir sorveljanza tat-traffiku permezz tagħha. Huwa kompla jgħid li dan huwa ferm dubjuż għaliex permezz tagħha ġew mgħoddija diversi siegħat ta' filmati kemm lill-Qorti kif ukoll il-Pulizija tad-Distrett biex jintużaw fl-investigazzjoni li jkunu għaddejjin. Huwa qal ukoll li tkellem ma' uffiċjal mill-kumpanija GO plc, illi kkonferma li l-konnessjoni tal-internet abbonat fiha l-Kunsill (Plug N GO Internet) hija fost l-aktar waħda veloċi fis-suq. Minkejja dan, il-fornitur tas-sistema ntlab jinvestiga l-aċċess għas-sistema li għandha l-LESA.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 27/10/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 30/09/23 – 27/10/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 29/08/23 – 02/10/23;

- Skeda ta’ Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta’ Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju/Settembru 2023; u
- Minuti tal-Kunsill Reġjonali – 26/09/23.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Tiġdid tal-ftehim dwar id-dovoluzzjoni tax-Xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2Vol II))**

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-imejl datat 9 ta’ Ottubru 2023, fejn l-Awtorità tal-Artijiet ġibdet l-attenzjoni li l-ftehim dwar id-dovoluzzjoni tax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija kien skada u għaldaqstant għaddiet ftehim ieħor li jkopri perjodu ta’ ħames snin b’effett mill-24 ta’ Jannar 2023. Bil-ftehim il-ġdid, il-kera żdied minn €233.33 għar-rata sussidjata ta’ €500.

5.1.3. Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar tal-ftehim..

**5.2.1. Skema SPI/SCI/4/2023 – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati (C/9)**

5.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni dwar il-finanzjament ta’ sistema tas-CCTV fit-toroq kollha li jwasslu minn/għall-parti urbana tal-Mellieħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni ntlaqgħat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u kien approvat kofinanzjament ta’ 75% ta’ €7,777.50 (€5,833.13). L-ispiża stmata tal-proġett titla’ għal €27,317 bil-VAT inkluża. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li għandhom jitħejjew l-ispeċifikazzjoni tat-tagħmir meħtieġ sabiex dan jiġi akkwistat u nstallat.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta mressqa fis-seduta preċedenti.

**5.3.1. PA 6161/23 – Tqegħid ta’ imwejjed u siġġijiet f’Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/4/10/Vol III)**

5.3.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-fond 11, 12, u 13, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, kantuniera ma’ Triq il-Kappillan Magri. Kien spjegat li l-imsemmi fond huwa diġa kopert bil-permess PA 4061/22, li jipprovdi għal bidla fl-użu minn garaxx u residenza eżistenti li jinfdu minn wieħed għal’ ieħor għal ristorant tal-Klassi 4D, inklużi alterazzjonijiet interni flimkien ma’ tabella mal-faċċata tal-binja.

5.3.3. Il-Kunsill ma oġġezzjonax għat-tqegħid ta’ għamara skond il-formazzjoni ndikata fil-planta 41a, sottomessa mal-applikazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għal negożji oħra fl-istess misraħ. Minkejja dan, il-Kunsill rabat din id-deċiżjoni:

- Mat-tneħħija tal-isfreġju li sar fuq il-bejn tal-istabbiliment in kwistjoni bl-installazzjoni ta’ tagħmir tal-arja kkundizzjonata u tal-ventilazzjoni; u

- Ma titpoġġa ebda għamara li ma tkunx qed tintuża fuq in-naħa ta’ Triq il-Kappillan Magri.

**5.4.1. Danni sofferti fuq vettura Nru. ICG 347 fi Triq Dun Franġisk Sciberras (D/5/Vol II)**

5.4.2. Saret referenza għal-imejl datat 22 ta’ Ottubru 2023, mibgħut mis-sid tal-vettura msemmija fejn allega li ċarrat wieħed mit-*tyres* tal-vettura li kien qiegħed isuq ma’ grada ta’ *gutter* tal-ħadid li kienet ‘l barra mill-kurduna tal-bankina. Is-sid tal-vettura qed jitlob li jingħata rifużżjoni tal-ispiża li huwa għamel biex jibdel t-*tyre*, li tammonta għall-€225, skond riċevuta rilaxxjata mill-*vulcaniser*. Ġew ippreżentat ukoll rapport li sar mal-Pulizija u ritratti ta’ fejn ġara l-inċident.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-ħadid li kien ippuntat 'l barra tneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll qal mhux magħruf minn kien responsabbli għat-tqegħid tal-grada li kkawżat id-danni.

5.4.4. Il-Kunsill qabel li jingħata l-kumpens mitlub.

### 5.5.1. Skambji ta' żjarat minn tfal minn Adenau u l-Mellieħa (K/1/5/Vol IV)

5.5.2. Saret referenza għal-imejl datat 26 ta' Ottubru 2023, mibgħut mill-Erich Klausener-Gynasium ta' Adenau, fejn il-Kunsill intalab jindika skola sabiex permezz tal-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau ikun hemm skambji ta' żjarat fuq bażi regolari. L-etajiet tat-tfal f'din l-iskola huma bejn 10 u 18-il sena.

5.5.3. Il-Kunsill innota li fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa m'hemmx tfal fl-etajiet imsemmija. Għadaqstant kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt mal-Prinċipal tal-Kulleġġ Marija Regina li jinkludi wkoll l-iskejjel sekondarji fit-Tramuntana ta' Malta.

### 5.6.1. Tiġdid tal-kuntratt dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl mibgħut mis-soċjetà Din l-Art Ħelwa, fejn intalbet konferma li l-Kunsill għandu l-intenzjoni jġedded il-ftehim li għandu mas-soċjetà dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad, li jiskadi f'Novembru tal-2026. Spjega wkoll li dan qed jintalab sabiex is-soċjetà tkun f'pożizzjoni li tottjeni finanzjament fit-tul għat-Torri, fuq proġetti li għandha, bħalma huwa l-illuminazzjoni tat-torri fuq barra, kif ukoll biex ikunu eliġibbli li japplikaw għall-fondi Ewropej.

5.6.3. Il-Kunsill iddiskuta t-talba u qabel li l-andament tal-kuntratt kien wieħed sodisfaċenti, u għaldaqstant attwalment mhemmx l-intenzjoni li dan ma jiġġedditx wara d-data msemmija. Madankollu, din l-intenzjoni bl-ebda mod ma torbot Kunsilli Lokali sussegwenti, wara l-iskadenza tal-mandat tiegħu f'Ġunju 2024.

### 5.7.1. PC 0053/23 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Wesgħat in-Narċis, Triq is-Sagħtar, u Triq il-Miġbħa (P/5/1/Vol IV)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Ottubru 2023, mibgħut mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar talba li tinvolvi l-iżvilupp ta' art konfinanti minn Wesgħat in-Narċis, Triq is-Sagħtar, u Triq il-Miġbħa b'tali mod li jinbnew tliet blokki bi spażju pubbliku bejnithom. Hekk li skond id-dokument 6h mehmuż mal-applikazzjoni hemm speċifikat li:

- L-ispazju totali tas-sit huwa 5,262 m.k.
- L-ispazju propost li jinbena jkun ta' 3,465 m.k. (66%)
- L-ispazju li ser jitħalla aċċessibbl għall-pubbliku huwa ta' 1,603 m.k. (30%)
- L-ispażju privat huwa propost li jkun 193 m.k. (3.65%).

5.7.3. Mill-mod kif l-art inqasmet bejn tliet binijiet bi spazju bejniethom, ġie nnutat li jista' jkun hemm l-intenzjoni li eventwalment jiġi addottat il-*floor area ratio*, minkejja li fl-ebda dokument sottomess m'hemm riferenza għal dan. Skont il-*policy* NWUS5, l-għoli tal-bini għandu jkun limitat għal tliet sulari u *semi- basement*. Hemm ukoll il-*policy* NWML 2 tal-Pjan Lokali fejn huwa stabbilit li l-art in kwistjoni għandha tiġi żviluppata b'mod komprensiv għal skop residenzjali. L-istess policy tippermetti wkoll sa massimu ta' 500 m.k. ta' spazju għal negozji taħt Klassi 4 sa mhux iktar minn ħames *units*.

5.7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-fattur jista' eventwalment joħroġ fl-applikazzjoni sussegwenti. Kien hemm qbil li għandha ssir rappreżentazzjoni fis-sens li kwalunkwe tibdil li jintalab m'għandux imur kontra l-*policies* imsemmija fil-Pjan Lokali.

### 5.8.1. Laqgħa mal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali (M/4/2/Vol II)

5.8.2. Il-Kunsillier G. Micallef tkellem dwar il-ħtieġa li jsiru *cameras* ta' siġurtà fil-konfini tal-Mellieħa tat-tip li saru fix-Xemxija minn Transport Malta. Dan bil-għan li jimmonitorjaw it-traffiku fil-*junctions* ewlenin. Huwa qal li l-volum ta' traffiku li qed jgħaddi mill-Manikata huwa konsiderevoli, tant li qed iħalli effett fuq il-kwalità tal-ħajja tal-istess residenti.

5.8.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li għandha tiġi mtennija talba verbali li huwa għamel ftit ġimgħat qabel lill-Ministru A. Farrugia sabiex tiġi diskussa l-possibbiltà billi jiġi attivat mill-ġdid il-Proġett TENT-T, bil-ħsieb li jkun hemm triq aktar sigura bejn il-Dawret San Pawl il-Baħar u Triq Għajn Tuffieħa mat-tramuntana ta' Malta li twassal wkoll għat-*Terminal* taċ-Ċirkewwa. Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-istess laqgħa għandhom jitqajjmu materji oħra pendenti, li jinkludu:

- L-asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard li qed tiġi affettwata minn kwistjonijiet bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-aġenzija Infrastruttura Malta;
- L-asfaltar ta' Triq ir-Rattan;
- Il-bini ta' Taraġ il-Landiera;
- L-asfaltar mill-ġdid tal-Parkeġġ tal-Armier;

5.8.4. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-istess laqgħa għandhom jitqajjmu wkoll materji pendenti li l-Kunsill għadu qed jistenna tweġiba, li jinkludu:

- L-introduzzjoni ta' *traffic lights* fl-intersezzjoni tat-Telgħa ta' Selmun mat-triq li twassal għall-Bajja tal-Mistra; u
- L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ta' parkeġġ fi Triq id-Deru li għal xi raġuni Transport Malta baqgħu ma wieġbux għall-proposta tal-Kunsill li tinvolvi l-projbizzjoni tal-ipparkjar fuq naħa waħda tagħha.

5.8.4. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mtennija t- talba bil-kitba għal-laqgħa mal-Ministru sabiex jiġu diskussi l-punti kollha li tqanqlu aktar 'il fuq.

### 5.9.1. Tindif volontarju f'inħawi Tad-Dahar (T/6/1/Vol IV)

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.16.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li sar tindif volontarju fl-inħawi Tad-Dar qrib it-Torri l-Aħmar fil-21 ta' Ottubru 2023, li pparteċipaw fiħ hija u żewġ persuni oħra.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal korrispondenza datata 30 ta' Ottubru 2023, fejn grupp li jissejjaħ Wolf Pack Airsoft stieden lill-Kunsill jissieħeb magħhom f'attivitajiet ta' tindif volontarju f'postijiet storiċi, bħalma huma l-Fortizza ta' Campbell.

5.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. *Malta International Double Bass Festival* (S/6/Vol VI)

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li hija attendiet il-kunċert tal-Ħadd 22 ta' Ottubru 2023. Fl-istess okkażjoni ġiet ippreżentata tifkira bħala turija ta' apprezzament lill-Kunsill għall-kontribut li ta' sabiex seħħ il-festival.

5.10.3. Is-Sindku D. Vella qal li huwa attenda l-kunċert tas-Sibt 21 ta' Ottubru, li kellu jsir fis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, minħabba r-riħ.

## 5.12.1. Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

5.12.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li beda xogħol ta' manutenzjoni fuq l-għamara tal-Park mill-ħaddiema tal-*Tourism Zones Regeneration Agency*.

5.12.3. Il-Kunsillier G. Micallef ikkummenta li ħidma ta' dan it-tip għandha toħroġ fil-pubbliku permezz tal-medja disponibbli.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Laqgħa mal-*Malta Rangers Unit* (A/5/6/3/Vol XVII)

5.13.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għal-laqgħa li saret mal-*Malta Rangers Unit* u staqsiet dwar is-suġġetti li ġew diskussi fiħa. Hija staqsiet ukoll dwar jekk saritx laqgħa dwar l-istess materji diskussi mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjoni tal-Mellieħa.

5.13.3. Billi s-Sindku D. Vella kien skużat mis-seduta meta tqanqal dan is-suġġett, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb illi l-MRA talbet lis-Sindku sabiex issir laqgħa, li eventwalment seħħet b'mod virtwali fl-10 ta' Ottubru 2023. Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura C. Appelgren u uffiċjal ieħor f'isem l-MRU. Is-Sinjura Appelgren spjegat l-għanijiet tal-organizzazzjoni, kif ukoll aċċennat għall-isfidi li jiltaqgħu magħhom waqt rondi tagħhom f'diversi nħawi f'Malta, inkluż fl-Aħrax. Ġie rikonoxxut li l-isfida ewlenija f'Ahrax hija l-prevenzjoni tan-nirien li jistgħu jinqalgħu permezz tal-użu tal-ħatab u l-faħam, kif ukoll ir-rimi tal-iskart. Intqal ukoll li illegalitajiet bħal dawn jonqsu b'mod kostanti bil-preżenza tal-MRU fiż-żona. FL-istess laqgħa ntqal ukoll li l-MRU se tkun qed iżżomm lill-Kunsill aġġornat bl-attivitajiet li qed isiru fiż-żona, kif ukoll tagħti pariri dwar it-tagħrif lill-pubbliku li għandu jingħata permezz tat-tabelli biex jiġbdu l-attenzjoni għal-liġijiet li hemm fis-seħħ, partikularment dawk li huma applikabbli għaż-żona. Waqt il-laqgħa ġie mistoqsi dwar jekk l-MRU għamlitx kuntatt mal-GKNKM u/jew l-FKNK rigward is-suġġett. It-tweġiba kienet fl-affermattiv.

5.13.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-MRU għaddew rapport tal-ħidma u l-azzjonijiet li ħadu fiż-żona tal-Aħrax bejn it-13 u t-28 ta' Ottubru 2023. Is-Sur C. Debono ippropona li għandha ssir laqgħa oħra mal-MRU abbażi tar-rapport, fejn jiġu mistiedna jattendu l-membri kollha tal-Kunsill, peress li fl-ewwel laqgħa kienu mitluba jattendu s-Sindku, u l-Viċi Sindku, flimkien miegħu.

5.13.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.14.1. Attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-tfal (A/5/3/Vol XIII)

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li bħala parti mill-attività msemmija għandu jsir tindif volontarju fl-inħawi ta' Selmun, u eventwalment l-attività tkompli fil-Park tal-Familja, nhar is-Sibt 18 ta' Novembru 2023.

5.14.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li t-tindif ser jibda mill-kappella ta' Selmun u jintemm fejn il-Park tal-Familja, fejn it-tfal ser jingħataw borża ta' żerriegħa tal-tulipani, ser ikun hemm persuna liebsa ta' karattru popolari mat-tfal. Hija pproponiet ukoll li tiġi mistiedna il-Kummissarju tat-Tfal is-Sinjura Antoinette Vassallo.

5.14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 5.15.1. Qtajja' mhux mibnija (P/5/2/Vol II)

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li għandhom jinbnew ħitan madwar qtajja' mhux mibnija fi Triq il-Fortizza (bejn Triq ir-Riħan a Triq it-Tgħam), fi Triq Ta' Masrija, u fi Triq il-Fortizza kantuniera ma' Triq il-Lellux. Hija qalet li dan in-nuqqas mhux biss qed jagħti dehra kerha lill-post, iżda anke qed joħloq nuqqas ta' sikurtà lir-residenti tal-madwar.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li minkejja l-isforzi li saru baqa' ma sarx magħruf min huwa s-sid, jew sidien ta' qatgħa fi Triq Ta' Masrija. Fir-rigward tal-qatgħa ta' Triq il-Lellux kantuniera ma' Triq il-Fortizza, is-sid hija magħrufa u d-dettalji tagħha ġew mgħoddija lill-Pulizija tal-Komunità,

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Abbużi fil-Ġnien tal-Pellegrini (P/4/7/Vol II)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-abbużi li qed jiġu kommessi fil-Ġnien tal-Pellegrini. Hija pproponiet li jsir rixtellu li jingħalaq bil-lejl, fil-livell ta' Triq il-Kbira.

5.16.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li Ġnien il-Pellegrini huwa passaġġ pubbliku u għalhekk ma jistax jingħalaq.

5.16.4. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem fil-minuta preċedenti.

**5.17.1. Okkupazzjoni ta' bankini fi Triq Għajn Żejtuna (P/9/4)**

5.17.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-proposta li hija kienet ressqet fis-Seduta 54 tat-22 ta' Awwissu 2023, meta pproponiet li r-residenti li għandhom siġar ixekklu l-bankini għandhom jiġu avżati mill-Pulizija tal-Komunità, sabiex jieħdu azzjoni, kif sar drabi oħra. Hija pproponiet li fl-ittra li tintbagħat għandu jkun hemm l-involviment tal-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate.

5.17.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni.

**5.18.1. Ħtiġijiet fil-Manikata (C/6/Vol IX)**

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issottomettiet rapport photografiku ta' tiswijiet meħtieġa fil-Manikata li jinvolvu Ġnien iż-Żerniq, Misraħ il-Parroċċa, Triq Dun Manwel Grima, u Triq il-Knisja l-Qadima. Hija qalet li dan ir-rapport inġabar waqt żjara fuq il-post li hija għamlet flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv innota l-kontenut tar-rapport bil-għan li tittieħed azzjoni.

**5.19.1. Ħlas għas-servizz tal-gwidi fil-ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li nġabru kwotazzjonijiet dwar il-gwidi meħtieġa għall-ħarġiet kulturali. Hija qalet li l-irħas waħda kienet ta' €15 kull persuna, li tibqa' l-istess irrispettivament il-post fejn ikun. Hija qalet li żjarat f'Għawdex mhumiex koperti b'din ir-rata, u allura jeħtieġ li jintalbu stimi apparti.

5.19.3. Il-Kunsill approva l-istima mogħtija.

**5.20.1. Parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/8/2/Vol IV)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ġiet avviċinata minn persuna bi bżonnijiet speċjali sabiex jiġi ntrodott spazju riżervat għall-ipparkjar ta' vetturi użati minn persuni b'diżabilità fi Triq Ġorġ Borġ Olivier qrib il-kantuniera ma' Triq it-Tonn, jew aktar 'l isfel.

5.20.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-post indikat mhuwiex daqshekk sikur għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, peress li jinsab f'telgħa, kif ukoll qed qrib ħafna l-karreġġjata bil-periklu li jintlaqtu minn vetturi li jkunu nieżlin.

**5.21.1. Xogħlijiet tal-arti fil-beraħ fi Triq il-Kbira** **(A/11)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-artista Kirsty Vella lestiet ix-xogħol fdat lilha fit-taraġ li jinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena. Kompliet tgħid li ma kienx possibbli jsiru l-istemmi tal-Kunsilli Lokali msieħba fir-Reġjun Tramuntana għaliex jiġu żgħar wisq u allura jintilef l-effett mixtieq.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.22.1. Żerriegħa tal-ficus fi Ġnien tas-Salib** **(P/4/22)**

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni għaż-żerriegħa żejtniha li taqa' mis-siġar tal-ficus, li taqbad mal-art u l-bandli. Hi talbet lill-Kunsill jikkonsidra li jsiru tined fejn hemm il-bandli biex jeliminaw dan l-inkonvenjent.

5.22.3. Il-Kunsill qabel li għalissa għandu jintalab il-permess tal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent bil-għan li jinżabru dawk is-siġar biss li jiġu fuq il-bandli u l-bankijiet.

**5.23.1. Tiswijiet fit-triq magħrufa Ta' Gallina** **(D/3/1/Vol XII)**

5.23.2. Il-Kunsillier M. Abela għarraf li ġie avvinċnat minn persuni li għandhom raba' fl-inħawi ta' Qasam Barrani, biswit it-triq imsemmija. Dawn huma mħassba bil-ħsara li tista' tiġri fit-triq imsemmi bl-ilmijiet, billi tħallew spazji mhux mgħottija bil-konkos wara li saru trinek minn kuntrattur tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

5.23.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-persuni konċernati sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.

**5.24.1. Restawr tal-Kmamar tas-Santwarju** **(P/4/9)**

5.24.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna li x-xogħlijiet ta' restawr li sar fuq il-Kmamar tas-Santwarju ser jiġi nawgurat waqt attività organizzata mill-Parroċċa, maħsuba li ssir kmieni f'Diċembru 2023. Huwa appella lill-Kunsill jkun parteċipi fl-organizzazzjoni ta' din l-attività

5.24.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jissieħeb.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 6/2023, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi tiżjin ta' toroq u pjazez bi dwal dekorattivi fil-perjodu tal-Milied u l-Ewwel għal tliet staġuni festivi 2023/24, 2024/25, u 2025/2026;***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-unika offerta li ġiet sottomessa skond il-minuti tad-19 ta' Ottubru 2023; u***

***Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 3370 tal-Estimi Finanzjarji 2022, kif ukoll saret talba sabiex il-Kunsill jibbenefika minn fondi għall-istess għan, permezz ta' skema mħaddma mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mas-Sur Carl Caruana, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €54,374.40 bit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkluża.". (T/4/15/Vol II)***

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci, peress li l-Kunsillier G. Micallef kien skużat f'dak il-waqt minħabba impenn ieħor.

## 7.1. Allokazzjoni ta' spazji għat-tqegħid ta' *caravans* fil-Qortin it-Twil
**(B/5/Vol IV)**

7.2. Saret referenza għal-laqgħa li saret mal-Leisure Team Caravan Association meta kien ġie miftiehem li l-istess għaqda kellha tiġi lura bi proposta dwar kif jista' jiġi mmaniġġjat is-sit tal-Qortin it-Twil.

7.3. Jisimgħu s-seduta kien hemm membri tal-assoċjazzjoni msemmija. Il-Kunsill qabel li jissospendi s-seduta sabiex jintervjenu l-membri tal-istess assoċjazzjoni. Kien spjegat li s-sit issa se jkollu żewġ partjiet - waħda li kienu jużaw sas-sajf 2022, li hija kbira biżżejjed sabiex takkomoda s-sittax il-membru tal-assoċjazzjoni, u l-oħra hija l-parti l-ġdida li tiġi qrib l-istatwa tal-Madonna. Intqal li dan l-ispazju jista' jakkomoda madwar wieħed u għoxrin *caravan* skond l-i*standards* stabbiliti għas-saħħa u s-sigurtà.

7.4. Il-membri tal-assoċjazzjoni pproponew li s-sit li kienu jużaw sas-sajf 2022, jigi riżervat għal-assoċjazzoni minn Ġunju sa Settembru, b'rata miftehma bejn l-Kunsill u l-Assoċjazzjoni, bil-patt li jindokraw il-post skond ir-regoli tal-istatut tagħhom, filwaqt li s-sit il-ġdid jibda jinkera lill-sidien ta' *caravans* u *motorhomes* oħra li jibbukkjaw mal-Kunsill Lokali. Il-membri tal-assoċjazzjoni spjegaw ukoll li b'hekk il-Kunsill Lokali ikollu dħul finanzjarju garantit mis-sit li tuża l-għaqda, flimkien ma' dħul ieħor mis-sit li jkun miftuħ għas-sidien in ġenerali, u b'hekk il-Kunsill ma jkollux għalfejn iqabbad kuntrattur biex inaddaf il-post, għaliex dan tkun qed tagħmlu l-għaqda minghajr hlas. Intalab ukoll sabiex il-Kunsill jinforma lill-assoċjazzjoni kull darba li jinħareġ peress, sabiex l-għaqda tara li min jingħata permess jokkupa spazju, iżomm il-post nadif.

7.5. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill osserva li r-rati stabbiliti fl-avviż legali ma jistgħux jiġu mibdula, jew jiġu żvelati ismijiet tal-applikanti lil terzi. Il-Kunsill ra wkoll li l-avviż legali ma jippermettix li jiġu riżervati postijiet għal gruppi partikulari. Kien hemm qbil li l-fattur tal-gruppi jidher li huwa komuni għal postijiet oħra u għalhekk għandu jkun il-bażi ta' aktar kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi stabbilit dwar jekk hemmx lok ta' emendi fl-Avviż Legali 136 tal-2023.

## 8.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill **(A/5/3/1/Vol XVII)(K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 26 ta' Ottubru 2023, fejn is-Sindku ta' Adenau A. Hoffmann ikkonferma li ser jattendi għall-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill, kif ukoll talab li jingħata itinerarju taż-żjara. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tkomplew il-kuntatti u laqgħat marbuta ma' dan l-avveniment.

8.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li s-serata ta' Jum il-Kunsill issir taħt il-patroċinju tas-Sindku A. Hoffmann.

8.4. Is-Sindku D. Vella ppropona li s-serata ser issir fil-lukanda Radisson Blu Resort & Spa Golden Sands. Din ser tkun animata mill-preżentatriċi Clara Farrugia u l-grupp Mara. Wara li tintemm is-serata jkun hemm riċeviment għall-mistednin.

8.5. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li permezz ta' imejl datat 16 ta' Ottubru 2023, il-Comune di Cavriglia wieġbu li mhux ser ikun possibbli għalihom li jattendu għall-kommemorazzjoni tal-15 il-anniversarju tal-ġemellaġġ Mellieħa/Cavriglia minħabba npenji oħra.

8.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li qed jiġi propost li ż-żjara mid-delegazzjoni ta' Cavriglia tiġi trasferita għat-18-20 ta' Jannar 2024, filwaqt il-kommemmorazzjoni ssir fid-19 ta' Jannar, fis-sede ta' waħda mis-għaqdiet mużikali. Huwa ppropona li din tkun tinkludi wkoll tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja.

8.7. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Villaġġ tal-Milied (A/5/6/3/Vol XVII)

9.2. Is-Sindku D. Vella stqarr li l-Villaġġ tal-Milied huwa ppjanat li jseħħ bejn il-15 u s-17 ta' Diċembru 2023 f'Misraħ il-Parroċċa, peress li jista' jinbeda x-xogħol fuq it-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar. Huwa ppjanat li fit-13 ta' Diċembru ssir attività' oħra fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata li tkun bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. F'din l-edizzjoni huwa ppjanat li jkun hemm kunċert minn sopran akkumpanjata minn arpista.

9.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-14 ta' Diċembru fid-9:00am issir attività għall-anzjani f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fejn jitqassam xi ikel marbut mal-Milied. Ipproponiet wkoll li fis-17 ta' Diċembru bejn is-2:00 u 4:30pm issir attività għat-tfal f'Misraħ il-Parroċċa fejn jitqassmu riġali u jkun hemm attrazzjonijiet għalihom bħalma huma *face painting, bouncy castles, magician,* eċċ.

9.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2023 (F/1/1Vol IV)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Marzu 2023 kien jammonta għal €1,124,087, li jikkonsisti f'€1,053,953 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €56,048 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, u €14,086 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

10.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied b'€66,474 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €2,046,800. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €1,928,641, Inventarji (*Stocks*) €8,752 u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, li ammontaw għal €175,881.

10.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti żdiedu minn €373,947 għal €447,351. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

10.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €1,122,001 u kienet tikkonsisti minn €148,969 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €699,216 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €35,001 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi fissi ġie kkalkulat għal €238,815.

10.6. Mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €2,086. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, l-jirriżulta f'żieda fl-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 1% fuq it-trimestru preċedenti li laħaq 131%.

10.7. Il-valur fiss tal-assi mixtrija minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €174,767, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €12,910,078, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,643,102 sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

10.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

## 11.1. Estimi Finanzjarji 2024 – Proġetti Kapitali (F/1/35)

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-proġetti kapitali li twettqu, jew kien għaddej ix-xogħol fuqhom fl-2023, huma s-segwenti:

| Line Item | Deskrizzjoni | Vot |
|---|---|---|
| 7312 | Sistemi ta' CCTV fit-toroq | 65,000 |
| 7509 | Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja u fil-kmamar ta' taħtu | 188,000 |
| 7510 | Bust ta' Jimmy Muscat | 11,000 |
| 7513 | Bdil ta' Dwal fuq l-Arbli fi Ġnien iż-Żerniq | 50,000 |
| 7518 | Titjib fit-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Ghar | 254,100 |
| 7527 | Ġnien Pubbliku fis-sit konfinanti minn Triq Mons F Xuereb/Nahal/Etna | 762,150 |
| 7535 | Restawr tan-Niċċa tal-Marfa | 20,000 |

11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-proġetti li kienu għaddejjin it-tħejjijiet għalihom fl-2023 ġejjin għandhom jiġu nklużi fl-estimi, ossija:

| | | |
|---|---|---|
| 7220 | Sistemi ta' dwal ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Peprin, u dwal ornamentali fi Triq il-Mejjiesa u fiż-żona ta' Ġnien Ingraw li jistgħu jiġu kofinanzjati permezz tad-*Development Planning Fund*. | 200,000 |
| 7512 | Ġwiebi għall-ilma tax-xita fi Ġnien tas-Salib u Ġnien il-Qigħan | 85,000 |

11.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg tenna l-ħtieġa li jinbidel ir-*rubber flooring* fil-*playing fields* ta' Ġnien iż-Żerniq, fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ, u Ġnien il-Kenn Soċjali. Kien hemm qbil li dan għandu jsir *in situ* għaliex iservi iktar. Huwa aċċenna wkoll għal sistema ġdida ta' *architectural lighting* ta' madwar il-knisja tal-Manikata.

11.5. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li n-nefqa rikorrenti fuq il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq għandha tiżdied sostanzjament sabiex tagħmel tajjeb għall-bdil ta' lampi tat-tip SON għal dawk LED.

11.6. Il-Kunsill approva l-proġetti msemmija soġġett għar-reviżjoni skond id-disponibiltà ta' fondi wara li tiġi kkalkulata l-ispiża rikorrenti.

## 12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 27 ta' Ottubru 2023.

12.3. Tresqet skeda ta' infieq permezz tal-*petty-cash* li tkopri bejn id-29 ta' Awwissu u t-2 ta' Ottubru 2023.

12.4. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn id-29 ta' Awwissu u t-2 ta' Ottubru 2023.

12.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10:00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2023 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |